IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.2.2026
COM(2026) 63 final

2026/0041 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Istati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' Cabo Verde mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-għan tal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (minn hawn 'il quddiem: "il-Konvenzjoni tal-1980"), sa issa rratifikata minn 103 pajjiżi, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE, huwa li jerġa' jkun hemm l-istatus quo permezz tar-ritorn fil-pront ta' minuri li jitneħħew jew jinżammu b'mod illeċitu permezz ta' sistema ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali maħtura mill-Partijiet Kontraenti tagħha.

Minħabba li l-prevenzjoni tal-ħtif ta' minuri hija parti essenzjali mill-politika tal-UE biex tippromwovi d-drittijiet tat-tfal, l-Unjoni Ewropea hija attiva fil-livell internazzjonali biex ittejjeb l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1980 u tinkoraġġixxi Stati terzi biex jaderixxu magħha.

Cabo Verde ddepożita l-istrument ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 fl-4 ta' Ottubru 2022. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ f'Cabo Verde fl-1 ta' Jannar 2023.

L-Artikolu 38(4) tal-Konvenzjoni tal-1980 jistipula li l-Konvenzjoni tapplika bejn il-pajjiż aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.

Fl-Opinjoni 1/13[(1)], il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea tkopri l-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' Stat terz mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.

Il-Qorti insistiet fuq il-ħtieġa għall-uniformità dwar il-kwistjoni fil-livell tal-UE, biex tiġi evitata ġeometrija varjabbli fost l-Istati Membri.

Minħabba li l-kwistjoni tal-ħtif internazzjonali ta' minuri taqa' fil-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea, id-deċiżjoni dwar jekk tiġix aċċettata l-adeżjoni ta' Cabo Verde għandha tittieħed fil-livell tal-UE permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. B'hekk, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jiddepożitaw id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni dwar l-adeżjoni ta' Cabo Verde fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

L-aċċettazzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tagħmel il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 applikabbli bejn Cabo Verde u l-Istati Membri tal-UE minbarra d-Danimarka.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

F'dak li jirrigwarda l-ħtif ta' minuri mill-ġenituri, il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 hija l-kontroparti internazzjonali tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2019/1111 (magħruf bħala r-Regolament Brussell IIb)[(2)], li huwa l-pedament tal-kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri.

Wieħed mill-objettivi ewlenin tar-Regolament huwa li jiskoraġġixxi l-ħtif ta' minuri minn Stat Membru għall-ieħor billi jistabbilixxi proċeduri biex jiġi żgurat ir-ritorn fil-pront tal-minuri lejn l-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom. Għal dan l-għan, ir-Regolament Brussell IIb jinkludi fil-Kapitolu III l-proċedura stabbilita fil-Konvenzjoni ta' The Hague tal-

(1) L-Opinjoni 1/13 (Adeżjoni ta' Stati terzi mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980) tal-14 ta' Ottubru 2014, ECLI:EU:C:2014:2303.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni), ĠU L 178, 2.7.2019, p. 1–115.

1980 u jikkumplementaha billi jiċċara xi aspetti tagħha, b'mod partikolari s-smigħ tal-minuri, il-perjodu ta' żmien biex tittieħed deċiżjoni wara li tiġi ppreżentata applikazzjoni għar-ritorn, u r-raġunijiet li ma jsirx ir-ritorn tal-minuri.

Fil-livell internazzjonali, l-Unjoni Ewropea tappoġġa l-adeżjoni ta' Stati terzi mal-Konvenzjoni tal-1980 sabiex l-Istati Membri tagħha jibbażaw ruħhom fuq qafas legali komuni biex jittrattaw il-ħtif internazzjonali ta' minuri.

Bejn Ġunju 2015 u Diċembru 2022 diġà ġew adottati 22 Deċiżjoni tal-Kunsill sabiex tiġi aċċettata l-adeżjoni mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 dwar il-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ta' 30 pajjiż terz (il-Marokk, Singapore, il-Federazzjoni Russa, l-Albanija, Andorra, is-Seychelles, l-Armenja, ir-Repubblika tal-Korea, il-Każakistan, il-Perù, il-Georgia, l-Afrika t'Isfel, iċ-Ċilì, l-Iżlanda, il-Bahamas, il-Panama, l-Urugwaj, il-Kolombja, El Salvador u San Marino, ir-Repubblika Dominicana, il-Belarussja, l-Użbekistan, il-Honduras, l-Ekwador u l-Ukrajna, il-Ġamajka, il-Bolivja, il-Filippini u t-Tuneżija)[(3)].

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija marbuta b'mod ċar mal-objettiv ġenerali minqux fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jiġu protetti d-drittijiet tat-tfal. Is-sistema tal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 hija mfassla biex tipproteġi lill-minuri mill-effetti ta' ħsara ta' ħtif mill-ġenituri u biex tiżgura li l-minuri jkunu jistgħu jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri, pereżempju billi tiżgura l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess. Tajjeb li tissemma' wkoll ir-rabta mal-promozzjoni tal-użu tal-medjazzjoni fis-soluzzjoni ta' tilwim familjari transfruntier.

Id-Direttiva dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali[(4)] tapplika wkoll għal-liġi tal-familja fl-ispazju ġudizzjarju Ewropew komuni. Il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 tinkoraġġixxi r-riżoluzzjoni amikevoli ta' tilwim familjari. Waħda mill-Gwidi għall-Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980, ippubblikata mill-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, hija ddedikata għall-użu tal-medjazzjoni għar-riżoluzzjoni tat-tilwim familjari internazzjonali li jikkonċerna lill-minuri, li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, minbarra fl-Ingliż u

---

(3) Diġà ġew adottati 22 Deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizzaw lill-Istati Membri biex jaċċettaw l-adeżjoni ta' Andorra mal-Konvenzjoni tal-1980 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1023 li ġiet adottata fil-15 ta' Ġunju 2015); is-Seychelles (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2354 li ġiet adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); ir-Russja (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2355 li ġiet adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); l-Albanija (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2356 li ġiet adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); Singapore (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1024 li ġiet adottata fil-15 ta' Ġunju 2015); il-Marokk (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2357 li ġiet adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); l-Armenja (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2358 li ġiet adottata fl-10 ta' Diċembru 2015); ir-Repubblika tal-Korea (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/2313 li ġiet adottata fit-8 ta' Diċembru 2016), il-Każakistan (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/2311 li ġiet adottata fit-8 ta' Diċembru 2016), il-Perù (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/2312 li ġiet adottata fit-8 ta' Diċembru 2016); il-Georgia u l-Afrika t'Isfel (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2462 tat-18 ta' Diċembru 2017); iċ-Ċilì, l-Iżlanda u l-Bahamas (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2424 tat-18 ta' Diċembru 2017); il-Panama, l-Urugwaj, il-Kolombja u El Salvador (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2464 tat-18 ta' Diċembru 2017); San Marino (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2463 tat-18 ta' Diċembru 2017); ir-Repubblika Dominicana (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/305 tat-18 ta' Frar 2019); l-Ekwador u l-Ukrajna (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/306 tat-18 ta' Frar 2019); il-Honduras (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/307 tat-18 ta' Frar 2019); il-Belarussja u l-Użbekistan (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/308 tat-18 ta' Frar 2019); il-Ġamajka (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2206 tad-9 ta' Diċembru 2021); il-Bolivja (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2207 tad-9 ta' Diċembru 2021); il-Filippini (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2439 tat-8 ta' Diċembru 2022); it-Tuneżija (id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2450 tat-8 ta' Diċembru 2022).

(4) Id-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 136 tal-24 ta' Mejju 2008, p. 3).

fil-Franċiż, din il-Gwida ġiet tradotta fil-lingwi kollha tal-UE, u anki fl-Għarbi biex jiġi sostnut id-djalogu ma' Stati li għadhom ma rratifikawx/aderewx mal-Konvenzjoni u tingħata għajnuna biex jinstabu mezzi konkreti kif jiġu indirizzati l-problemi maħluqa mill-ħtif internazzjonali ta' minuri.[5]

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

F'konformità mal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980, id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni hija parti kostitwenti minn ftehim internazzjonali konkluż mal-Istat aderenti.

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(6) TFUE tiddependi primarjament fuq l-objettiv u l-kontenut ta' ftehim internazzjonali li għandu jiġi konkluż. Minħabba l-fatt li l-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 huma li jiskoraġġixxu l-ħtif ta' minuri mill-ġenituri, u għalhekk is-suġġett huwa l-liġi tal-familja, il-bażi legali sostantiva hija l-Artikolu 81(3) TFUE. L-Artikolu 81(3) TFUE jipprevedi li l-miżuri li jikkonċernaw il-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntiera għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill, li jaġixxi f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva speċjali. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.

Peress li l-Artikolu 81 TFUE huwa l-bażi legali sostantiva, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni li tawtorizza lill-Istati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Konvenzjoni tal-1980 wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 218(6), il-punt (b), TFUE.

Skont l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, TFUE, il-Kunsill jaġixxi b'unanimità meta l-ftehim ikopri qasam li għalih tkun meħtieġa l-unanimità għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, TFUE.

L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2019/1111 (ir-Regolament Brussell IIb) u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux Applikabbli

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija mfassla fuq il-mudell tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li diġà ġew adottati dwar l-istess suġġett u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv ta' azzjoni koerenti tal-UE fil-kwistjoni tal-ħtif internazzjonali ta' minuri billi tiżgura li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jaċċettaw l-adeżjoni ta' Cabo Verde mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 f'perjodu ta' żmien stabbilit.

(5) https://www.hcch.net/en/publications-and-studies/details4/?pid=6561&dtid=3

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija ppreżentata f'konformità tal-Artikolu 218(6) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim. Ma jeżisti ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-objettiv espress minn din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, ikkonsultati mill-Kummissjoni fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji ta' Dritt Ċivili dwar ir-rieda tagħhom li jaċċettaw l-adeżjoni ta' Cabo Verde mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980, taw opinjoni favorevoli.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-Kummissjoni ġabret informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, id-Delegazzjoni tal-UE f'Cabo Verde u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, u d-Dipartiment Ċentrali tal-Kooperazzjoni u l-Liġi Komparattiva maħtur bħala Awtorità Ċentrali skont il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Rigward it-22 Deċiżjoni tal-Kunsill, li diġà ġew adottati bejn l-2015 u l-2022, li jikkonċernaw l-aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' diversi Stati terzi mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt speċifika.

Madankollu, il-livell ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ġie eżaminat permezz tat-tweġibiet mogħtija minn Cabo Verde għall-kwestjonarju tal-UE u t-tlestija tal-kwestjonarju għall-pajjiżi aderenti ġodda żviluppat mill-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

Matul id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili, irriżulta li l-esperjenzi ta' xi Stati Membri (pereżempju l-Portugall) mas-sistema legali ta' Cabo Verde huma pożittivi. Fil-fatt, id-dipendenza fuq ir-relazzjonijiet konvenzjonali mal-Istati Membri tal-UE hija meqjusa importanti ħafna mill-awtoritajiet f'Cabo Verde. Qafas legali komuni mal-Istati Membri kollha tal-UE, li huwa rrappreżentat mill-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980, jgħin fit-trattament u r-riżoluzzjoni ta' każijiet transfruntiera ta' ħtif.

L-azzjonijiet ta' taħriġ huma ppjanati f'kooperazzjoni mal-pajjiżi li jitkellmu bil-Portugiż, Partijiet għall-Konvenzjoni (il-Portugall u l-Brażil). L-UNICEF se tkun involuta wkoll fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjonijiet ta' The Hague dwar it-Tfal.

Dan l-aħħar Cabo Verde aderixxa wkoll mal-Konvenzjoni tal-1996 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u mal-Konvenzjoni tal-2007 dwar l-Appoġġ għat-Tfal u s-sistema legali tiegħu, ir-rispett tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ġew eżaminati fil-kuntest tal-proċeduri ta' ebda oġġezzjoni li jittrattaw l-adeżjonijiet ma' dawn il-Konvenzjonijiet. Il-valutazzjoni wasslet għall-konklużjoni li ma għandha titqajjem ebda oġġezzjoni kontra l-adeżjoni ta' Cabo Verde mal-Konvenzjoni tal-1996 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u mal-Konvenzjoni tal-2007 dwar l-Appoġġ għat-Tfal.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Il-ħtif mill-ġenituri jmur direttament kontra d-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari d-dritt li jkunu protetti u d-dritt li jżommu kuntatt maż-żewġ ġenituri. Bl-istabbiliment ta' qafas legali li jipprova jiskoraġġixxi l-ħtif ta' minuri mill-ġenituri u jagħti lill-minuri l-opportunità li jinstemgħu, il-Konvenzjoni tal-1980 irrispettat id-drittijiet tat-tfal, li huma drittijiet fundamentali tal-bniedem rikonoxxuti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC, United Nations Convention on the Rights of the Child). Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi dan il-qafas legali bejn Cabo Verde u l-Istati Membri tal-UE.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta ma għandha ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli

2026/0041 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Istati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' Cabo Verde mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Billi:

(1) L-Unjoni stabbiliet bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif iddikjarat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-miżuri għall-protezzjoni ta' minuri kontra t-tneħħija jew iż-żamma b'mod illeċitu huma parti essenzjali minn dik il-politika.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111[2] għandu l-għan li jipproteġi lill-minuri mill-effetti ta' ħsara tat-tneħħija jew iż-żamma b'mod illeċitu u li jistabbilixxi proċeduri biex jiżgura r-ritorn fil-pront tagħhom lejn l-Istat tar-residenza abitwali tagħhom, kif ukoll li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet ta' aċċess u tad-drittijiet ta' kustodja.

(3) Ir-Regolament (UE) 2019/1111 jikkomplementa u jirrinforza lill-Konvenzjoni ta' The Hague tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980") li tistabbilixxi, fil-livell internazzjonali, sistema ta' obbligi u kooperazzjoni fost l-Istati Kontraenti u bejn l-awtoritajiet ċentrali u għandha l-għan li tiżgura r-ritorn fil-pront ta' minuri mneħħija jew miżmuma b'mod illeċitu.

(4) L-Istati Membri kollha huma parti għall-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980.

(5) L-Unjoni tinkoraġġixxi lil stati terzi jaderixxu mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 u tappoġġa l-implimentazzjoni korretta tal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 billi tieħu sehem, flimkien mal-Istati Membri, fost oħrajn, fil-kummissjonijiet speċjali organizzati fuq bażi regolari mill-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

---

[1] ĠU C [...], [...], p. [...]

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni), ĠU L 178, 2.7.2019, pp. 1–15, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1111/oj

(6) Qafas legali komuni applikabbli bejn l-Istati Membri u stati terzi jista' jkun l-aħjar soluzzjoni għal każijiet sensittivi ta' ħtif internazzjonali ta' minuri.

(7) Il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 tistipula li hija tapplika bejn l-Istat aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.

(8) Il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 ma tippermettix li organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika bħall-Unjoni jsiru partijiet għaliha. Għalhekk, l-Unjoni la tista' taderixxi mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980, u lanqas ma tista' tiddepożita dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' Stat aderenti.

(9) Skont l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[3], id-dikjarazzjonijiet ta' aċċettazzjoni skont il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 jaqgħu fil-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni.

(10) Cabo Verde ddepożita l-istrument tiegħu ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 fl-4 ta' Ottubru 2022. Il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 daħlet fis-seħħ għal Cabo Verde fl-1 ta' Jannar 2023.

(11) Valutazzjoni tas-sitwazzjoni f'Cabo Verde wasslet għall-konklużjoni li l-Istati Membri jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni ta' Cabo Verde skont it-termini tal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu awtorizzati jiddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' Cabo Verde fl-interess tal-Unjoni f'konformità mat-termini stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(13) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2019/1111 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri huma b'dan awtorizzati jaċċettaw l-adeżjoni ta' Cabo Verde mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 fl-interess tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom, mhux aktar tard minn … [tnax-il xahar wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni] jiddepożitaw dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' Cabo Verde mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 fl-interess tal-Unjoni, li għandha tiġi fformulata kif ġej: "[L-isem sħiħ tal-ISTAT MEMBRU] jiddikjara/tiddikjara li jaċċetta/taċċetta l-adeżjoni ta' Cabo Verde mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE)...

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bid-depożitu tad-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni ta' Cabo Verde u għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dikjarazzjonijiet fi żmien xahrejn minn meta jiddepożitawhom.

[3] L-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 2014, ECLI:EU:C:2014:2303

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[...]

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

(1) QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' Cabo Verde mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Ġustizzja

Objettiv(i)

Objettiv(i) ġenerali

Din il-proposta għandha l-objettiv li tawtorizza lill-Istati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' Cabo Verde mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, f'konformità mal-Opinjoni 1/13 tal-QĠUE biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà fil-livell internazzjonali u dak Ewropew.

Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

L-awtorizzazzjoni lill-Istati Membri tal-UE biex jaċċettaw l-adeżjoni ta' Cabo Verde mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 dwar il-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.

Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 dwar il-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri tkun applikabbli bejn l-Istati Membri kollha (bl-eċċezzjoni tad-Danimarka) u Cabo Verde.

Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

M/A

Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☑ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja** [1]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

M/A

Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet).

[1] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b), tar-Regolament Finanzjarju.

Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (ex ante)

L-awtorizzazzjoni lill-Istat Membru tal-UE tikkonforma ma' inizjattivi preċedenti tal-istess tip b'segwitu għall-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Din taqa' fil-kompetenza esterna esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(2) TFUE. L-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni u b'hekk hija kompetenza esklużiva min-natura tagħha, li mhijiex soġġetta għall-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Valur miżjud tal-UE li mistenni jiġi ġġenerat (ex post)

Ir-rispett għat-Trattati tal-UE u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jiġi żgurat.

Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Din hija t-23 proposta tal-istess tip.

Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Din il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet baġitarji.

Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Din il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet baġitarji.

Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[(2)]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

---

(2) Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku;

☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

[...]

MIŻURI TA' ĠESTJONI

Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

M/A

Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

M/A

Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

M/A

Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (malħlas u fl-għeluq)

Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

[...]